12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 9th March, 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the the Department of Information by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2123 7170.

13. a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Information and a receipt will be given at the time of delivery.

b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Information within seven (7) days.

13th February, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha tterminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mad-Diviżjoni tas-Saħħa kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer* ikun ekwivalenti għall-Iskala ta' Salarju Nru. 6 (Lm7,402 fis-sena li jiżdied b'Lm256 fis-sena sa massimu ta' Lm8,938).

3.2. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 6, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 6 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Hospital Information And Communication Technologies (ICT) Contracts And Services Officer in the Health Division Within the Ministry Of Health, The Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the position of Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer in the Health Division.

2.1. The selected candidate will enter into a three (3) year contract as Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer in the Health Division. Unsatisfactory performance as Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Health Division as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

3.1. The salary attached to the position of Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer is equivalent to Salary Scale 6 (Lm7,402 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,938).

3.2. In the case that the selected applicant is a Public Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 6, he/she will be required to relinquish the duties of Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer in the Health Division and be transferred to duties pertinent to hiscċher new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 6 through progression, heċ she will be allowed to complete hiscċher term of engagement as provided by the contract in force.

5. Id-dmirijiet tal-persuna fil-pożizzjoni ta' *Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer* fid-Diviżjoni tas-Saħħa jinkludu:

(a) Tipprovdi servizzi b'kuntratt lill-Isptar għax-xiri ta' *Information and Communication Technologies (ICT)*;

(b) Tirrakkomanda lid-Direttur, *Information Management and Technology* dwar strateġiji għas-shubija u attivitajiet oħra dwar relazzjonijiet biex jintlaħqu l-miri stabbiliti;

(ċ) Torganizza visti fuq il-post, fejn ikun xieraq, għal min jipprovdi l-*Information and Communication Technologies (ICT)* sew dawk lokali kif ukoll barranin.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eligibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħrug ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) (i) ikollhom Lawrja fil-*Management* jew fl-*Information Technology* jew kwalifika oħra komparabbli xierqa u mill-inqas erba' snin esperjenza ta' xogħol relevanti;

5. The duties of a Hospital Information and Communication Technologies (ICT) Contracts and Services Officer in the Health Division include:

(a) Provision of contractual services to Hospital in Information and Communication Technologies (ICT) procurement;

(b) Recommending to the Director, Information Management and Technology strategies for partnerships and other relationships activities to achieve the set objectives;

(c) Organisation of site visits, where appropriate, for local and foreign ICT suppliers.

Further details of the job description of the position may be obtained from the Human Resources Department, 6, Harper Lane, Floriana.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) (i) be in possession of a first degree in management or Information Technology or other appropriate comparable qualification and a minimum of 4 years relevant work experience;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-'*Service and Leave Record Form' (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabiltà (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinħemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Malta Public Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-media lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija addatta għal din il-pożizzjoni.

11. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fil-ftehim li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: - http://www.mpo.gov.mt.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP 47)* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Marzu 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Marzu 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indiriżż imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Frar, 2007

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions as updated from time to time stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address http://www.mpo.gov.mt.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a Service and Leave Record Form (GP 47) will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 9th March 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 9th March 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

13th February, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

***Coordinator* għall-Programmi Internazzjonali**
(Permess ta' l-ETC 19/2007)

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġlu jimla l-vakanza ta' *Coordinator* għall-Programmi Internazzjonali.

Il-kandidat magħżul ikun responsabbli biex jagħti bidu, jikkoordina, jimmonitorja u jevalwa r-rabtiet u l-proġetti internazzjonali ffinanzjati permezz tal-firxa ġdida ta' programmi ta' l-Unjoni Ewropea, prinċipalment: Lifelong Learning, Leonardo da Vinci, Socrates, Youth in Action u Seventh Framework Programme.

L-applikanti għandu jkollhom preferibbilment *degree* relevanti u jifhmu sew fil-programmi, istituzzjonijiet u regolamenti relevanti ta' l-UE. Għandhom ikunu jafu sew il-kompjuter, ikunu ppreparati li jsiefru barra u jkunu kapaċi jaħdmu fuq l-inizjattiva tagħhom personali. Ikun ta' vantaġġ li wieħed ikun kapaċi jitkellem b'diversi lingwi.

Il-kandidati għandhom jimlew u jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tista' tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn il-5 ta' Marzu 2007.

L-applikazzjonijiet jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani u għandhom ikunu indirizzati għall-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, t-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid 9032

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-MCAST qiegħed jaħdem għall-ugwaljanza fl-opportunitajiet.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn dan l-indirizz:

Kampus Prinċipali ta' l-MCAST
It-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032
Tel: 2398 7100 *Fax:* 2398 7316

Website: www.mcast.edu.mt

It-13 ta' Frar, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Coordinator for International Programmes
(ETC Permit 19/2007)

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the vacancy of Coordinator for International Programmes.

The selected candidate will be responsible for initiating, coordinating, monitoring and evaluating the College's international links and projects funded through the new range of EU programmes, mainly: Lifelong Learning, Leonardo da Vinci, Socrates, Youth in Action and Seventh Framework Programme.

Applicants should preferably have a relevant degree and a thorough understanding of the relevant EU programmes, institutions and regulations. They should be computer literate, be prepared to travel abroad and be able to work on own initiative. Ability to communicate in a number of foreign languages would be an asset.

Candidates are invited to submit the completed application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Monday 5 March 2007.

Applications are available online and from the Human Resources Office and are to be addressed to The Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

MCAST is working towards equality of opportunities.

Further information may be obtained from the following address:

MCAST Main Campus
Corradino Hill, Paola PLA 9032
Tel: 2398 7100 Fax: 2398 7316

Website: www.mcast.edu.mt

13th February, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Applikazzjonijiet għal *Lecturer* fid-Disinn Tri Dimensjonali Istitut ta' l-Arti u Disinn

(Permess ta' l-ETC 18/2007)

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġlu jimla l-vakanza ta' *lecturer* fid-disinn tri-dimensjonali.

L-applikanti għandu jkollhom l-ewwel *degree* relevanti minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla, jew kwalifika vokazzjonali relevanti rikonoxxuta (HND/HNC) u esperjenza xierqa industrijali/kummerċjali.

Huwa obbligaturju li wieħed ikollu bil-provi firxa wiesgħa ta' kapaċitajiet ta' speċjalista fil-qasam tad-disinn Tri Dimensjonali (materjali reżistenti u mhux reżistenti) Il-kandidati jkunu meħtieġa wkoll jippreżentaw *portfolio* ta' *artwork*/involviment f'arti u disinn riċenti.

Huwa importanti ħafna li wieħed ikun jaf tajjeb jitkellem u jikteb bl-Ingliż.

Il-kandidati għandhom jimlew u jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tista' tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn il-5 ta' Marzu 2007.

L-applikazzjonijiet jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani u għandhom ikunu indirizzati għall-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-MCAST qiegħed jaħdem għall-ugwaljanza fl-opportunitajiet.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn dan l-indirizz:

Kampus Prinċipali ta' l-MCAST
It-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032
Tel: 2398 7100 *Fax:* 2398 7316

Website: www.mcast.edu.mt

It-13 ta' Frar, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Applications for Lecturer in 3D Design Institute of Art and Design

(ETC Permit 18/2007)

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill a lecturing vacancy in 3D Design.

Applicants should have a relevant first degree from a recognised higher education institution, or a relevant recognised vocational qualification (HND/HNC) and appropriate industrial/commercial experience.

Evidence of a wide range of specialist skills in the 3D Design field (resistant and non-resistant materials) is mandatory.Candidates will also be required to present a portfolio of recent artwork/art and design involvement.

A good command of the English Language, spoken and written, is essential.

Candidates are invited to submit the completed application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Monday 5 March 2007.

Applications are available online and from the Human Resources Office and are to be addressed to The Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

MCAST is working towards equality of opportunities.

Further information may be obtained from the following address:–

MCAST Main Campus
Corradino Hill, Paola PLA 9032
Tel: 2398 7100 Fax: 2398 7316

Website: www.mcast.edu.mt

13th February, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Viċi Prinċipal għas-Servizzi Akkademiċi u għall-Istudenti
(Permess ta' l-ETC 9/2007)

L-MCAST jinħtieġ li jingaġġa persuna professjonali fil-pożizzjoni ta' Viċi Prinċipal għas-Servizzi Akkademiċi u għall-Istudenti. Min jokkupa dan il-post ikun jagħti kontribut għad-direzzjoni strateġika u żvilupp tal-Kulleġġ u jgħin lill-Prinċipal/*CEO* fit-tmexxija ġenerali ta' l-oqsma akkademiċi tagħha.

B'mod ġenerali, il-Viċi Prinċipal għas-Servizzi Akkademiċi u għall-Istudenti jkun inkarigat biex jiżgura kwalità, żvilupp tal-kurrikulu, organizzazzjoni ta' l-istaff, servizzi għall-istudenti, *stakeholder relationships,* maniġġar ta' l-informazzjoni, relazzjonijiet internazzjonali u programmi Ewropej għall-mobbiltà ta' l-istudenti u ta' l-istaff.

Il-kandidat li jintgħażel għandu jkollu:

Lawrija tal-bidu u preferibbilment lawrja ogħla;

Esperjenza fil-ġestjoni f'livell għoli f'organizazzjoni kumplessa u jrid imexxi waqt transizzjoni;

Għandu jkollu *track record* ta' tmexxija, suċċess u żvilupp professjonali;

Ikun midħla ta' kwistjonijiet kurrenti li jolqtu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-kuntest ta' l-Unjoni Ewropea;

Ikun kapaċi ħafna biex jitkellem, kif ukoll ikun kapaċi jagħmel preżentazzjonijiet, imexxi negozjati, jagħti motivazzjoni u jagħmel evalwazzjoni;

Ikun jaf u jifhem il-post f'kuntest ta' organizzazzjoni li qed tiżviluppa kif ukoll ikun jaf kif inhu xieraq il-proċeduri fl-oqsma pubbliċi u privati;

Ikun kapaċi jaħseb, jippjana, jopera u jevalwa b'mod strateġiku bħala parti min Tijm ta' Ġestjoni Eżekuttiva;

Ikollu kapaċitajiet fl-ICT, possibbilment ikun jaf iħaddem b'mod profiċjenti l-MS Office u l-MS Project.

Il-kandidat li jintgħażel ikun ingaġġat fuq kuntratt definit ta' tliet snin li jkun jiġġedded, b'pakkett ta' remunerazzjoni relatat mal-post u l-kwalifiki tiegħu/tagħha u *track record*.

Wieħed jista' jikseb deskrizzjoni dettaljata tal-pożizzjoni mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Uffiċċju tal-Prinċipal, Bini ta' l-Amministrazzjoni, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid jew mill-*website*: www.mcast.edu.mt

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Deputy Principal Academic and Student Services
(ETC Permit 9/2007)

The MCAST is seeking to recruit a professional for the position of Deputy Principal Academic and Student Services. The post holder will be contributing to the strategic direction and development of the College and assist the Principal/CEO in the overall management of its academic areas.

In general, the Deputy Principal Academic and Student Services will be concerned with quality assurance, curriculum development, staff development, student services, stakeholder relationships, management information, international relations and European student and staff mobility programmes.

The successful candidate will be expected to have:

A first degree and, preferably, a higher degree;

Experience of managing at a senior level within a complex organisation and driving through change;

Track record of leadership, achievement and professional development;

Awareness of current issues affecting vocational education and training within the European Union context;

Excellent verbal skills, including the ability to make effective presentations, negotiate, motivate and evaluate;

Knowledge and understanding of the post within a developing organization as well as an appropriate knowledge of procedures within the public and private sectors;

Ability to think, plan, operate and evaluate strategically as part of an Executive Management Team;

Appropriate ICT skills, possibly including proficient use of MS Office and MS Project.

The successful candidate will be engaged on a three-year definite contract, renewable, with a remuneration package commensurate with the post and his/her quali.cations and track record.

A detailed position description can be obtained from the Executive Secretary, Office of the Principal, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola or from the website: www.mcast.edu.mt

L-applikanti għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Bini ta' l-Amministrazzjoni, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn id-19 ta' Frar, 2007, f'nofsinhar. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn dan l-indirizz:

Kampus Prinċipali ta' l-MCAST
It-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032
Tel: 2398 7100 *Fax*: 2398 7316
Website: www.mcast.edu.mt

It-13 ta' Frar, 2007

Applicants should submit the MCAST Application Form to the Human Resources Office, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Monday, 19 February 2007, at noon. Application forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. If further information is required, please refer to the address below.

MCAST Main Campus
Corradino Hill, Paola PLA 9032
Tel: 2398 7100 Fax: 2398 7316
Website: www.mcast.edu.mt

13th February, 2007

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post *Part-time* ta' Assistent tad-Direttur,
Università tat-Tielet Età (U3E)
Ċentru Ewropew tal-Ġerontoloġija

Kandidati kwalifikati u b'esperjenza mistiedna japplikaw għall-post ta' Assistent tad-Direttur, Università tat-Tielet Età, Ċentru Ewropew tal-Ġerontoloġija. Il-kandidat maħtur irid jassisti u jkun responsabbli għad-Direttur għall-amministrazzjoni ġenerali taċ-Ċentru u fit-tmexxija ta' kuljum tal-Programm. Il-post *part-time* (massimu ta' għoxrin siegħa kull ġimgħa) huwa ta' sena fuq kuntratt definit.

2. L-applikanti idealment iridu jkunu anzjani bejn il-61 u l-65 u jkollhom ambjent kulturali tajjeb u kapaċitajiet neċessarji li jinkludu fost l-oħrajn: kapaċità tajba ta' amministrazzjoni u komunikazzjoni; kapaċità fl-ippjanar u fit-treġġija ta' attivitajiet ta' gruppi; u jkunu jafu l-kompjuter.

Il-post għandu s-salarju ta' Lm3 is-siegħa.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, it-2 ta' Marzu 2007.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorzi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

It-13 ta' Frar, 2007

UNIVERSITY OF MALTA

Part-time Post of Assistant to the Director,
University of the Third Age (U3E),
European Centre of Gerontology

Suitably qualified and experienced candidates are invited to apply for the post of Assistant to the Director, University of the Third Age, European Centre of Gerontology. The successful applicant will assist and be responsible to the Director for the general administration of the Centre and for the day-to-day running of the Programme. The part-time post (a maximum of 20 hours per week) is for a one year definite contract.

2. The applicants should ideally be senior citizens between the age of 61 and 65 possessing a good cultural background and the necessary skills including, amongst others: strong administrative and communication skills; the ability to plan and direct group activities; and be computer literate.

3. The post carries a salary of Lm3 per hour.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates to the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06 by noon of Friday, 2nd March 2007.

Late applications will not be considered

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

13th February, 2007

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultat ta' Intervisti għall-Postijiet ta' Uffiċjal Xjentifiku Prinċipali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Frar, 2007

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Result of Interviews for the Posts of Principal Scientific Officers within the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned posts has been published and can be viewed on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th February, 2007

KAMRA TAD-DEPUTATI

Riżultat ta' l-Eżami biex jimtelaPost ta' *Recorder of Debates* fil-Kamra tar-Rappreżentanti

L-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati jgħarraf illi r-riżultat ta' l-eżami msemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan, Kamra tad-Deputati, kif ukoll fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Frar, 2007

HOUSE OF REPRESENTATIVES

Result of Examination for the filling of the Post of Recorder of Debates in the House of Representatives

The Clerk of the House of Representatives notifies that the result of the above examination has been published and may be seen at the Office of the Clerk of the House of Representatives, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th February, 2007

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U GĦALL-INTERN

Riżultat għall-Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/ Uffiċjal Legali fl-Uffiċċju Konġunt fi ħdan it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima Proprjetà tal-Gvern), jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board*, fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, fil-Berġa tal-Baviera, Valletta, u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Frar, 2007

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Result for the Post of Junior Legal Officer/ Legal Officer at the Joint Office within the Government Property Division

The Director General (Government Property Division), notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board at the Government Property Division, Auberge de Baviere, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th February, 2007

DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR
U KO-ORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET,
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Il-Gvern ta' Mlata jistieden il-pubbliku ġenerali biex jieħu sehem fi:–

Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Aħħar Abbozz ta' l-Istima Ambjentali Strateġika għall-Programmi Operattivi tal-Programm INTERREG IVC 2007-2013

Wieħed jista' jniżżel dan id-dokument minn:
http://ppcd.gov.mt

Kummenti jistgħu jintbagħtu lis-*SEA Audit Team* fuq l-indirizz ta' l-*e-mail*:
sea_audit_team@gov.mt
jew bil-posta lil:
Dott. Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent,
Xatt il-Barriera,
Valletta

Id-data ta' l-għeluq hija nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2007.

It-13 ta' Diċembru, 2007

PLANNING AND PRIORITIES
COORDINATION DIVISION,
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

The Government of Malta invites the general public to participate in the:–

Public Consultation on the Final Draft Environmental Report for the Strategic Environment Assessment of the INTERREG IVC Operational Programme 2007-2013

This document can be dowloaded from:
http://ppcd.gov.mt

Comments may be sent to the SEA Audit Team on e-mail address:
sea_audit_team@gov.mt
or by post to:
Dr Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Ministry for Rural Affairs and the Environment,
Barriera Wharf,
Valletta

The closing date is Friday, 16th March, 2007.

13th February, 2007

Proġett ko-finanzjat mill-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali (FEZR)
Inizjattiva Komunitarja Interreg IVC
Project part-financed by the European Regional Development Fund (ERDF)
Community Initiative Interreg IVC

KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità fis-6.30 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2007 fis-"Sala tal-Komunità", Dawret il-Qalb Imqaddsa.

Ir-residenti kollha ta' Birżebbuġa li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali huma mħeġġa sabiex jattendu. F'din il-laqgħa jiġu diskussi proposti u lmenti mibgħuta minn qabel għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

It-13 ta' Frar, 2007

BIRŻEBBUĠA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual locality meeting will be held at 6.30 p.m. on Friday, 23rd February, 2007 at the "Sala tal-Komunità", Dawret il-Qalb Imqaddsa.

All Birżebbuġa residents listed in the Electoral Register are urged to attend. During the meeting it would be possible for suggestions and proposals received in writing beforehand to be considered by the Council.

13th February, 2007

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema ta' *Equity Sharing*

Għajnuna lil min jixtri l-ewwel residenza mis-settur privat

1. Għan ta' l-iskema

L-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjara 2006/2007 allokat Lm 2 miljuni (€4,658,746.70) biex bihom tgħin lill-applikanti bi dħul medju li jixtiequ jixtru l-ewwel residenza tagħhom mis-settur privat. Huwa l-għan ta' l-Awtorità tad-Djar li tgħin lil dawk li jixtiequ jsiru sidien ta' djarhom. Din l-iskema hija intiża għall-applikanti li ma jistgħux jixtru r-residenza tagħhom mingħajr l-għajnuna ta' l-Awtorità tad-Djar. Mhix l-intenzjoni ta' l-Awtorità tad-Djar li tgħin lil min jiflaħ jixtri r-residenza tiegħu jew li għandu ħsieb jagħmel xi tip ta' spekulazzjoni.

2. Metodu ta' kif taħdem l-iskema

Din hi forma oħra ta' ko-propjetarji (imsieħba fil-proprjetà) "shared ownership" u issir billi l-Awtorità tad-Djar tiffinanzja jew tiggarantixxi sa massimu ta' sebat elef Lira Maltija (Lm 7,000)/ sittax-il elf tliet mija u ħames ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€16,305.61) għax-xiri ta' l-ewwel residenza li tkun fi stat ta' ġebel u saqaf u sa massimu ta' għaxart elef lira Maltin (Lm10,000)/tlieta u għoxrin elf, mitejn tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) għal residenzi li jkunu diġa' kompluti (għalkemm l-ammont bejn dawn il-valuri jista' fid-deskrizzjoni tal-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar jiġi emendat jekk ma' jkunx hemm applikazzjonijiet biżżejjed skond kif dettaljat f'artiklu 3 ta' din l-iskema). B'hekk l-Awtorità tad-Djar issir sid ta' parti mill-istess residenza. L-applikanti jinħtieġu illi jew jipproduċu dokument maħruġ minn uffiċjal ta' Bank lokali li jikkonferma li huma eliġibbli biex jingħataw is-self meħtieġ għax-xiri u għat-tkomplija ta' l-ewwel residenza tagħhom, jew evidenza li għandhom mezzi oħra ta' kif ser jiffinanzjaw din il-proprjeta' bħal per eżempju self mingħand membri tal-familja.

Applikazzjonijiet għal xiri ta' proprjeta' li l-prezz tagħha ma jeċċedix il-ħamsin elf lira Maltin (Lm 50,000)/mija u sittax-il elf, erba' mija tmienja u sittin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€116,468.66) jingħataw preferenza u jiġu pproċessati l-ewwel.

L-Awtorità tad-Djar mhux se tobbliga lill-benefiċjarji li jixtru lura l-investiment li tkun għamlet l-Awtorità tad-Djar fix-xiri ta' residenzi qabel għaxar snin mid-data tal-kuntratt tax-xiri għad li l-benefiċjarji jkunu jistgħu jagħmlu dan qabel. Wara għaxar snin, l-Awtorità tad-Djar ikollha d-dritt li tiġbor kull informazzjoni dwar l-assi u d-dħul tal-benefiċjarji. Għal dan il-għan l-applikanti jagħtu s-setgħa lill-Awtorità tad-

HOUSING AUTHORITY

Equity Sharing Scheme

Assistance to first-time buyers purchasing from the private sector

1. Aim of the scheme

The Housing Authority has allocated Lm 2 million (€ 4,658,746.70) for the financial year 2006/2007 to help applicants with average income to purchase their first residence from the private sector. It is the aim of the Housing Authority to help those who wish to become homeowners. This scheme is intended for those applicants who are unable to purchase their residence without the help of Housing Authority. It is not the intention of the Housing Authority to help those who are able to purchase their residence or those who have any intention of carrying out any form of speculation.

2. How the scheme works

This is another form of co-ownership (equity sharing) "Shared Ownership" and is established when the Housing Authority finances or guarantees up to a maximum of seven thousand Maltese Liri (Lm7,000)/sixteen thousand, three hundred and five Euros and sixty-one cents (€ 16,305.61) for the purchase of the first residence in 'shell' form, and up to a maximum of ten thousand Maltese Liri (Lm 10,000)/twenty-three thousand, two hundred ninety-three Euros and seventy-three cents (€ 23,293.73) for the purchase of the first 'finished' residence (although the amounts between these values may, at the discretion of the Housing Authority Board, be amended if not enough applications are submitted as detailed in article 3 of this scheme). In this way the Housing Authority becomes a part-owner of the same residence. The applicants are required to provide a document issued by an official of a local bank that confirms that they are eligible to be granted the necessary loan for the purchase or completion of their first residence, or evidence that the applicants have other means of financing the property, such as a loan from a family member.

Applications for the purchase of property, the price of which does not exceed fifty thousand Maltese Liri (Lm 50,000)/ one hundred sixteen, four hundred sixty-eight Euros and sixty-six cents (€ 116,468.66) will be given preference and will be processed first.

The Housing Authority shall not oblige the beneficiaries to buy back the investment that the Housing Authority would have made in the purchase of residences before ten years from the date of sale contract, even though the beneficiaries would be able to do this before the expiry of ten years. After ten years, the Housing Authority shall have the right to gather information regarding the assets and income of the beneficiaries. To this

Djar titlob dik l-informazzjoni lill-bank dwar l-investimenti ta' l-istess applikanti. Dan isir biex jiġi stabbilit jekk il-benefiċjarji jkunux f'pożizzjoni li jieħdu self ieħor biex jixtru s-sehem li jkollha l-Awtorità tad-Djar fir-residenza tagħhom. Alternattivament jista' jsir ftehim ma' l-Awtorità tad-Djar skond kundizzjonijiet imposti mill-Awtorità tad-Djar biex l-ammont dovut jiġi mħallas permezz ta' pagamenti f'perjodi stabbiliti. Il-valur tas-sehem ta' l-Awtorità fil-proprjeta' wara l-għaxar snin jiġi miżjud miegħu r-rata ta' l-inflazzjoni ta' l-aħħar għaxar snin. F'każ illi l-proprjeta' tinbiegħ lill-terzi qabel ma' l-benefiċjarji jkunu saru s-sidien assoluti, l-bejgħ għandu jsir biss ma' l-Awtorità tad-Djar u l-Awtorità tad-Djar ikollha dritt għall-proporzjon tal-prezz tal-bejgħ skond il-proporzjon li l-Awtorità tad-Djar tkun investiet fix-xiri tal-post u dan kollu jiġi vverifikat minn perit ta' l-Awtorità tad-Djar. Ikun meħtieġ li l-Awtorità tad-Djar taqbel mall-prezz tal-bejgħ lil terzi qabel ma jsir tali bejgħ, jiġifieri il-prezz tal-bejgħ lil terzi jrid jiġi miftiehem bejn l-Awtorità tad-Djar u l-benefiċjarju.

Matul iż-żmien li l-benefiċjarji ma jkunux sidien assoluti tal-proprjeta', jiġifieri ma jkunux għadhom xtraw is-sehem tal-Awtorità tad-Djar fil-proprjeta', huma ma jkunux jistgħu jikru l-fond lil terzi jew bi kwalsiasi mod jitrasferixxu il-fond jew jgħaddu l-pussess tiegħu lil terzi. Lanqas ma jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom biex xi terzi jabitaw f'dan il-post anke b'mera tolleranza jew b'titolu gratwit, iżda għandhom jużaw dan il-post biss bħala residenza ordinarja tagħhom. Il-benefiċjarji huma marbuta li matul l-istess żmien għandhom iżommu r-residenza tagħhom fi stat tajjeb ta' tiswija. Il-benefiċjarji ikunu obbligati li jgħixu fil-fond bħala residenza ordinarja tagħhom għal mill-anqas għaxar snin mid-data tax-xiri.

3. Kif ser jiġu allokati dawn iż-Lm2 miljuni (€4,658,746.70)

40% jiġifieri tmien mitt elf lira Maltin (Lm 800,000)/ miljun, tmien mija tlieta u sittin elf, erba' mija tmienja u disgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€1,863,498.70) lill-applikanti li huma familji bit-tfal

40% jiġifieri tmien mitt elf lira Maltin (Lm 800,000)/ miljun, tmien mija tlieta u sittin elf, erba' mija tmienja u disgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€1,863,498.70) lill-applikanti għarajjes li t-tnejn ikunu għalqu l- 21 sena

20% jiġifieri erba' mitt elf lira Maltin (Lm400,000)/disa' mija wieħed u tletin elf, seba' mija disgħa u erbgħin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€931,749.35) lill-applikanti ġuvni jew xebba, armel/armla u persuna separat/a mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha l-ħin kollu. Dawn iridu jkunu 'l fuq minn 30 sena. F'każ ta' ġuvni jew xebba, illi għal xi żmien għexu ġo xi istituzzjoni u ħarġu sabiex jgħixu ħajja indipendenti dawn irid ikollhom 'il fuq minn 18-il sena.

effect, the applicants authorise the Housing Authority to obtain information from banks with regards to investments of the same applicants. This is done to establish whether the beneficiaries would be in a position to be eligible for another loan to purchase the share that the Housing Authority would have in their residence. Alternatively an agreement could be made between the Housing Authority and the beneficiary, according to conditions laid down by the Housing Authority, so that the amount due is paid by means of payments within established periods. The value of the share of the Housing Authority after ten years shall be increased to reflect the rate of inflation of the last ten years. In the case that the property is sold to third parties before the beneficiaries would have become the sole-owners of the property, the sale has to be done only with the Housing Authority would have the right to the proportion of the sale price depending on the share that the Housing Authority would have invested in the purchase of the property, and this whole process is verified by an architect of the Housing Authority. It would be necessary that the Housing Authority agrees with the price of sale to third parties before such sale takes place, therefore the sale price to third parties must be agreed to between the Housing Authority and the beneficiary.

During the time that the beneficiaries are not the sole-proprietors of the property, in other words, they would not have purchased the Housing Authority's share of the property, they are not permitted to rent the property to third parties or in any way transfer the property to third parties. They cannot allow third parties to occupy these premises not even on mere tolerance or by gratuitous title but are obliged to use the property solely as their residence. The beneficiaries are obliged to maintain the residence in a good state of repair during the whole time. The beneficiaries would be bound to live in the residence and use it as their ordinary residence for at least ten years from date of purchase.

3. The allocation of Lm 2 million (€ 4,658,746.70)

40%, in other words, eight hundred thousand Maltese Liri (Lm 800,000)/one million, eight hundred sixty-three thousand, four hundred ninety eight Euros and seventy cents (€1,863,498.70) for families with children;

40%, in other words, eight hundred thousand Maltese Liri (Lm 800,000)/one million, eight hundred sixty-three thousand, four hundred ninety eight Euros and seventy cents (€1,863,498.70) for engaged couples, each over 21 years of age;

20%, in other words, four hundred thousand Maltese Liri (Lm 400,000)/ nine hundred thirty-one thousand, seven hundred forty-nine Euros and thirty-five cents only (€ 931,749.35) for single people, widow/widower and separated persons without children living with him/her the whole time. These applicants must be over 30 years of age. In the case of single persons who lived in an institution for a period of time and left in order to live an independent life should be over 18 years of age.

L-Awtorità tad-Djar ser tipproċessa mill-anqas l-ewwel 250 applikazzjoni fuq bażi ta' min japplika l-ewwel 'first come first served basis' li jkunu validi u eliġibbli. Iżda jekk l-Awtorità tad-Djar ma tirċevix applikazzjonijiet biżżejjed għal xi kategorija partikolari, hija jkollha d-dritt li tibdel il-persentaġġi murija hawn fuq kif tħoss li jkun xieraq. L-iskema mbagħad tingħalaq u jekk l-ammont ta' Lm 2 miljun/ €4,658,746.70 ma jkunx intlaħaq, l-iskema terġa' tinfetaħ għall-ammont li jkun għadu disponibbli.

L-Awtorità tad-Djar għandha informazzjoni dwar il-prezzijiet medji kurrenti tal-proprjetà f'kull parti ta' Malta. Il-valur tal-proprjetajiet li l-Awtorità tad-Djar tikkunsidra ma jridux jeċċedu dawn il-prezzijiet u dan fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorità tad-Djar, sabiex jiġi evitat li l-prezz tal-proprjeta' tiġi mgħollija b'mod li ma jirriflettix is-suq. F'każ fejn l-Awtorità tad-Djar tħoss li r-residenza li tkun ser tinxtara tkun għolja ħafna hija żżomm id-dritt li tibgħat perit ta' l-Awtorità tad-Djar biex jagħti valutazzjoni tal-post. L-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

4. Min jista' japplika

Jistgħu japplikaw għall-din l-iskema, dawk il-persuni li sad-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, ikunu:

(a) koppji miżżewġin 'l fuq minn 21 sena;
(b) ġenitur wieħed 'l fuq minn 21 sena li jkollu tifel/ tifla jew tfal jgħixu miegħu li mhumiex miżżewġin;
(c) persuna b'diżabilità 'l fuq minn 21 sena li tista' tkun miżżewġa, għarusa, separata, armla jew ġuvni/xebba;
(d) għarus u l-għarusa flimkien li t-tnejn ikunu 'l fuq minn 21 sena;
(e) ġuvni jew xebba 'l fuq minn 30 sena;
(f) persuna separat/a 'l fuq minn 21 sena mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha l-ħin kollu;
(g) għalqu t-18-il sena f'każ ta' ġuvni/xebba illi għal xi żmien għexu ġo xi Istituzzjoni u ħarġu sabiex jgħixu ħajja indipendenti.

5. Kwalifiki Meħtieġa

Fl-ewwel publikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern l-applikanti f'kull każ iridu wkoll jissodisfaw dawn il-kriterji:

(a) ikunu ċittadini Maltin jew ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. Ċittadini mill-Unjoni Ewropeja jridu jkunu qed jakkwistaw l-ewwel residenza u jridu wkoll jissodisfaw il-kriterji maħruġa minn xi Awtorità jew mill-uffi"ju tal-Prim Ministru. Fil-każ ta' miżżewġin mhux separati, biżżejjed li parti waħda tkun Maltija;

The Housing Authority shall process at least the first 250 applications that are valid and eligible on a first-come first-served basis. However, if the Housing Authority does not receive enough application forms for any particular category, it reserves the right to adjust the percentages as shown above as it deems suitable. The scheme shall then close and if the amount of Lm 2 million (€ 4,658,746.70) has not been allocated the scheme shall re-open for the amount that is still available.

The Housing Authority has information about average property prices in all parts of Malta. The value of properties that the Housing Authority considers for this scheme must not exceed these prices and this is at the absolute discretion of the Housing Authority, in order to avoid that the price of the property is inflated in such a way that it does not reflect market prices. In cases where the Housing Authority feels that the residence that is about to be purchased is very expensive, it reserves the right to send an architect from the Housing Authority in order to make a valuation of the property. The Housing Authority reserves the right to refuse any application.

4. Who can apply

The following categories of persons, who on the date of the first publication on this advert in the Government Gazette, can apply under this scheme:-

(a) married couples over 21 years of age;
(b) single parents over 21 years of age with an unmarried son/daughter or unmarried children living with him/her;
(c) persons with a disability over 21 years of age who can be married, engaged, separated, widow/widower or living by himself/herself;
(d) engaged couples applying together, both aged 21 or over;
(e) single persons aged 30 years or over;
(f) separated persons over 21 years of age without children living with her/him the whole time;
(g) aged over 18 in the case of single persons who for a period lived in an institution and have left to live independently.

5. Qualifications to apply

On the date of publication of this Advert in the Government Gazette, the applicants should in all circumstances satisfy the following criteria:-

(a) applicants are Maltese Citizens and citizens of the EU. EU Citizens must be acquiring their first residence and must satisfy the criteria issued by any Authority and/or by the Office of the Prime Minister. In the case of married couples only but not separated, one of the couple must be Maltese Citizen;

(b) ikollhom ir-residenza permanenti f'Malta għal mill-anqas sena matul it-tmintax-il xahar ta' qabel.

(c) ikollhom dħul annwu aggregat bażi tas-sena preċedenti tad-data ta' l-applikazzjoni li ma jkunx eċċeda t-tnax-il elf Lira Maltin (Lm 12,000)/sebgħa u għoxrin elf disa' mija u tnejn u ħamsin elf ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€27,952.48) imma tkun assessjata biss it-terz (1/3) tad-dħul annwali ta' dak jew dik li taqla' inqas, kif spjegat fi klawsola 'g' ta' paragrafu 6. Fil-każ ta' ġuvni jew xebba u separat/a li japplikaw waħedhom, id-dħul annwali ma jkunx e"eda l-għaxart elef lira Maltin (Lm 10,000)/tlieta u għoxrin elf mitejn tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73).

(d) fid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sad-data ta' l-att ta' l-akkwist tar-residenza, l-applikanti ma jkunux jippossedu assi kapitali ta' aktar minn ħmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000)/erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€34,940.60)

F'kull każ applikanti ma jistgħux jibbenefikaw minn din l-iskema jekk fl-opinjoni ta' l-Awtorità tad-Djar huma għandhom fondi biżżejjed biex jixtru l-ewwel residenza mingħajr l-għajnuna ta' l-istess Awtorità jew li l-fond li ser jixtru mhux adekwat għall-esiġenzi tagħhom.

Meta jiġu kkalkolati l-assi, għandhom li jingħaddu s-segwenti fi:-

(i) **Kontijiet il-bank**, ***fixed deposits*** kif ukoll ***funds***. Dawn ikunu vverifikati mal-bank. L-applikanti għandhom jiffirmaw formola fejn jagħtu l-kunsens tagħhom lill-bank biex jagħtu din l-informazzjoni lill-Awtorità tad-Djar.

(ii) **Negozji** u **profitti** li jiġu perċepiti minnhom, huma inklużi fl-assi kapitali u dawn jiġu vverifikati mad-Dipartiment tal-VAT. Bl-istess mod informazzjoni dwar **ħwienet** ser tkun vverifikata mad-Dipartiment tat-*Trading Licence*. **Ishma** f'xi azjenda jew kumpanija li jistgħu jkollhom l-applikanti ser ikunu vverifikati mal-*Malta Financial Services Authority.* Tali negozji u ishma jiġu stamti skond il-prattiċi normali. Fil-kaz fejn proprjeta' tkun qiegħda tintuża għal negozju li jkun il-qligħ prinċipali ta' l-applikanti, l-ewwel ħmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000)/erbgħa u tletin elf disa' mija ewro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) tal-valur tal-proprjeta' ma jiġux kkunsidrati bħala assi.

(iii) **Artijiet u proprjetajiet** li fil-fehma diskrezzjonali ta' l-Awtorità tad-Djar jistgħu jiġu trasferiti b'faċilita'. Dawn għandhom jiġu vverifikati mar-Reġistru Pubbliku. Dak kollu li l-benefiċjarji jkunu wirtu ser jiġi vverifikat ma' l-*Inland Revenue* u l-Atti tad-Dikjarazzjonjiet *Causa Mortis* u mar-Reġistru Pubbliku.

(b) applicants have been permanently residing in Malta for at least a year in the previous eighteen months;

(c) applicants have an annual aggregate income that does not exceed twelve thousand Maltese Liri (Lm 12,000)/twenty-seven thousand, nine hundred fifty-two Euros and forty-eight cents (€ 27,952.48) of which only one third (1/3) of the annual income of the spouse who earns the least will be assessed as per clause 'g', paragraph 6. In the case of single or separated persons who apply alone, annual income must not exceed ten thousand Maltese Liri (Lm 10,000)/twenty-three thousand, two hundred ninety-three Euros and seventy-three cents (€ 23,293.73).

(d) on the date of the first publication of this Advert up till the date of the act of acquisition of the premises, applicants do not have in their possession capital assets exceeding fifteen thousand Maltese Liri (Lm 15,000)/thirty-four thousand, nine hundred forty Euros and sixty cents (€ 34,940.60).

In any case, applicants may not benefit from this scheme if in the opinion of the Housing Authority they have enough funds to purchase their first residence without the help of the same Authority or if the property that they want to buy is not adequate to their needs.

Calculation of assets shall include the following:-

(i) Banks Accounts, fixed deposits and **funds.** These will be verified through the banks. All prospective beneficiaries must sign a form giving their consent to the banks to forward this information to the Housing Authority.

(ii) Businesses and any **profits** deriving thereof are included as capital assets and shall be verified through the VAT Department. Likewise information about **retail outlets** and **shops** will be verified via the Trading Licence Department. **Shares** owned by applicants will be verified through Malta Financial Services Authority. Such businesses and shares will be valued according to normal practices. In the case where property is being used for commercial purposes, being the principal source of income of the applicants, the first fifteen thousand Maltese Liri (Lm 15,000)/thirty-four thousand, nine hundred forty Euros and sixty cents (€ 34,940.60) of the value of the property shall not be considered as assets.

(iii) Land and **property** which in the opinion and at the discretion of the Housing Authority may easily be transferred. These shall be verified through the Public Registry. All that which the beneficiary had inherited will be verified with the Inland Revenue Department and declaration 'Causa Mortis' as well as with the Public Registry.

(e) fl-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, sad-data tal-kuntratt tax-xiri tal-fond :

- ma kellhomx immobbli mhux mibnija, diviża jew indiviża, waħedhom jew ma' oħrajn b'titolu ta' proprjeta' assoluta jew enfitewsi perpetwa li għalihom inħareġ jew seta' jinħareġ permess għall-bini ta' fond għall-abitazzjoni mill-Awtorità ta' l-Ambjent u l-Ippjanar;

- ma kellhomx diviżament jew indiviżament, waħedhom jew ma' oħrajn, fond tajjeb għall-abitazzjoni b'titolu ta' proprjeta' assoluta jew b'titolu ta' enfitewsi perpetwa jew enfiteswi temporanja għal żmien oriġinali li jeċċedi l-erbgħin (40) sena;

- ma kellhomx ishma f' xi soċjeta' kummerċjali li fl-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, kellha proprjeta' immobbli bħal dik imsemmija iżjed ċil fuq fiż-żewġ sub-paragrafi preċedenti

Applikant iżda ma jiġix skwalifikat għas-sempliċi raġuni illi jippossjedi proprjeta' kif deskritt fil-paragrafu (e) jekk fl-opinjoni ta' l-Awtorità, skond id-diskrezzjoni assoluta u finali tagħha, dik il-proprjeta' mhix adekwata għall-akkomodazzjoni residenzjali tal-applikant/i u l-familja tiegħu/tagħhom jew ma tistax, minħabba raġunijiet legali, tekniċi, jew loġistiċi tiġi użata għal abitazzjoni jew likwidata fi żmien relativament qasir sabiex jiġi perċepit il-valur.

L-AWTORITÀ TAD-DJAR IKOLLHA D-DRITT LI TAGHMEL RIĊERKA FUQ L-APPLIKANTI FUQ L-AHHAR HAMES SNIN MID-DATA TA' L-AVVIŻ U ŻŻOMM ID-DRITT, FID-DISKREZZJONI TAGHHA, LI TISKWALIFIKA APPLIKANTI JEKK JIRRIŻULTA LI DAWN L-APPLIKANTI TAW INFORMAZZJONI QARRIEQA JEW SKORRETTA JEW BIEGHU PROPRJETA' SABIEX B'HEKK JIĠU LI JIKKWALIFIKAW MINGHAND L-ISTESS AWTORITÀ TAHT DAN L-AVVIŻ.

Ic-*Chairperson* ta' l-Awtorità tista' tikkonsidra bħala inaċċettabbli, dikjarazzjoni tad-dħul ta' l-applikanti jekk fid-diskrezzjoni assoluta tagħha jidrilha illi din mhix korretta jew vera.

6. Definizzjonijiet

F'dawn ir-Regolamenti:

(a) sakemm il-kuntest ma jurix mod ieħor, il-kelma "Avviż*"* tfisser Avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern datata 13 ta' Frar 2007.

(e) on the date of the first publication of this advert in the Government Gazette up till the date of contract of sale of the premises the applicant/s:-

- did not have immovable unbuilt property either in whole or in part ownership, either on their own or in partnership, on absolute ownership on perpetual emphyteusis and on which a building permit for habitation purposes has been issued or could have been issued by the Malta Environment and Planning Authority.

- did not have in full ownership or in part ownership, either alone or together with others, premises suitable for habitation purposes or on perpetual emphyteusis or on temporary emphyteusis of more than 40 years duration from the date of original constitution of the emphyteutical grant of the said temporary emphyteusis.

- did not possess holdings or shares in any commercial body which after the date of the first publication of this Advert in the Government Gazette has immovable property or as mentioned in the two preceding subparagraphs.

However an applicant will not be disqualified for the simple reason that he/she possesses property as detailed in paragraph (e) if in the absolute discretion of the Housing Authority the occupied premises are not adequate for accommodation of the applicant/s and his family, or because of legal, technical or logistic problems cannot be used for habitation or disposed off in a relatively short period so as to ascertain its value.

THE HOUSING AUTHORITY RESERVES THE RIGHT TO MAKE THE NECESSARY VERIFICATIONS ON THE APPLICANTS COVERING THE LAST FIVE YEARS PRIOR DATE OF THIS ADVERT, AND ALSO RESEVES THE RIGHT AT ITS OWN DISCRETION TO DISQUALIIFY APPLICANTS IF IT RESULTS THAT THESE APPLICANTS GAVE ERRANEOUS OR FALSE INFORMATION OR HAVE SOLD THEIR PROPERTY IN ORDER TO QUALIFY UNDER THIS ADVERT.

The Chairperson of the Authority may consider as unacceptable, any declaration of income of the applicants if, in her absolute discretion she decides that this is incorrect or untrue.

6. Definition of terms.

Throughout the Notice:

(a) unless otherwise stated, the word 'advert' means Advert which appears in the Government Gazette of the 13th February 2007.

(b) sakemm il-kuntest ma jurix mod ieħor il-maskil jinkludi l-femminil u l-femminil jinkludi l-maskil u s-singular jinkludi l-plural u l-plural jinkludi s-singular;

(c) sakemm il-kuntest ma jurix mod ieħor, il-kelma "Awtorità" tfisser "l-Awtorità tad-Djar";

(d) il-kelma "applikant" tfisser kull min japplika taħt dan l-avviż u f'każ ta' miżżewġin mhux separati u għarajjes, tfisser iż-żewġ miżżewġin flimkien u ż-żewġ għarajjes flimkien;

(e) il-kliem "bank" u "istituzzjoni finanzjarja għandhom" l-istess tifsira li tingħatalhom fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Att numru XV tal-1994);

(f) il-kelma "benefiċjarju" tfisser kull persuna li jibbenefika taħt dan l-avviż;

(g) il-kliem dħul annwu aggregat jinkludi:-

(i) id-dħul gross minn impieg, paga u/jew salarju, pensjoni u/jew benefiċċji soċjali oħra ta' l-applikanti (esklużi ċ-*Children's allowance*) fl-intier tagħhom għas-sena bażi preċedenti. Meta l-applikazzjoni ssir minn żewġ applikanti, għal skop ta' dan il-paragrafu, biex jinħadem id-dħul annwu aggregat ta' l-applikanti, il-qliegħ ta' l-applikant li għandu l-għola dħul jiġi kkunsidrat kollu iżda terz (1/3) biss tad-dħul gross tal-applikant li jaqla l-anqas jittieħed in kunsiderazzjoni. Iżda meta wieħed mill-applikanti ma jkunx ħadem is-sena bażi kollha u jkun jaħdem bi qliegħ fid-data ta' l-applikazzjoni, d-dħul ta' l-applikant għandu jitqies illi huwa dak li kien ikun kieku l-applikant ħadem s-sena kollha (*projected income assessment)*.

(ii) id-dħul ta' l-applikant u dak tal-mara/għarusa għas-sena bażi kalendarja minn kapital imħaddem, bħal depożiti f'bank, *shares, stocks,* self, kirjiet, investimenti f'intraprizi kummerċjali, investimenti oħra, fil-proprjeta' inkluż qliegħ kapitali (*capital gains*).

(iii) mid-dħul gross annwali jitnaqsu l-kontribuzzjonijiet għas-Sigurta' Nazzjonali mħallsa mill-applikant/i.

(iv) 25% biss ta' dħul minn *overtime.*

(h) għall-iskop ta' dan l-avviż id-dħul annwu aggregat totali tas-sena ta' l-applikant għandu jkun dak id-dħul ta' l-applikant/i kif imsemmi f'paragrafu 'g' ta' din il-klawsola. Iżda l-Awtorità tad-Djar ma tkunx marbuta li taċċetta dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni oħra mogħtija lilha mill-applikant jew benefiċjarji taħt dan l-avviż, jekk l-Awtorità tad-Djar tikkunsidra b'mod raġonevoli illi tali dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni bħala m' humiex korretti jew veri.

(b) unless otherwise stated, the masculine shall imply the feminine and the feminine shall imply the masculine and the singular shall imply the plural and the plural shall imply the singular;

(c) unless otherwise stated, the word 'Authority' means the 'Housing Authority';

(d) the word 'applicant' shall imply those who apply under this Advert and in the case of married couples who are not separated and engaged couples, means the married couples *in solidum* and the engaged couples *in solidum;*

(e) the word 'bank' and 'financial institutions' have the same definition given to it in the Act of Commercial Banking (Act No XV of 1994);

(f) the word 'beneficiary' means every person who benefits under this Notice;

(g) the terms 'aggregate annual income' includes:-

(i) the gross income from any occupation, pay and/or salary, pension and/or other social benefits (excluding children's allowance) earned by the applicants during the basic preceding calendar year are taken in full. When the application is made by two applicants, for the purpose of this paragraph, in determining the aggregate annual income of the applicants, the income of the higher earner will be considered in full but only one third (1/3) of the gross income of the applicant earning the least will be taken into consideration. But, in case when one of the joint applicants has worked during part of the said basis year only and is gainfully employed on the date of application, a projected income for that particular year shall be worked out in each case.

(ii) the applicant's income and those of his wife during the basic calendar year from capital assets such as; bank deposits, stocks, shares, loans, rents, investments in commercial enterprises, other investments in property, including capital gains;

(iii) from the gross annual income the National Insurance Contributions paid by applicant/applicants will be deducted.

(iv) 25% only of income earned from overtime.

(h) for the purpose of this advert, the aggregate annual income of the applicants shall be the income of the applicant/s determined in paragraph (g) of this clause. However the Authority shall not be bound to accept any declaration, documents or information given to it by the applicants or beneficiaries under this Advert, should it reasonably consider such declaration, documents or information incorrect or untrue.

(i) fil-każ fejn is-salarji/pagi ta' l-applikanti jiġu depożitati dirett fil-bank permezz tas-sistema ta' *direct credit*, l-Awtorità tad-Djar ma tikkalkulax l-aħħar salarju ta' l-applikant għas-sena kalendarja bħala assi.

(j) mid-dħul gross annwali jitnaqqas kull ammont li persuna separata jew de facto separata tħallas lill-parti l-oħra bħala manteniment.

(k) persuna b'diżabbiltà tfisser persuna li għandha fil-pussess tagħha karta ta' l-identità speċjali maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabbilita'.

7. Validita' ta' l-Applikazzjoni

Biex l-applikazzjoni tkun valida għandha:-

(a) tkun fuq il-formola preskritta mill-Awtorità u timtela kollha;

(b) tkun iffirmata mill-applikanti kollha kif indikat;

(c) tkun ippreżentata bid-dokumenti kollha mitluba;

(d) fil-każ ta' persuna miżżewġa iżda separata, jew ta' persuna li l-istat ċivili tagħha inbidel wara li tkun ikkuntrattat żwieġ, għandu jkollha mehmuż ma' l-applikazzjoni kopja awtentika tal-kuntratt ta' separazzjoni jew tas-sentenza ta' Qorti kompetenti.

Applikazzjonijiet li jinkludu informazzjoni falza jew inkorretta jistgħu jiġu skwalifikati fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Awtorità u dan f'kull waqt anke wara li jkun ibbenefika taħt dan l-avviż. Dan isir wara li l-Awtorità tad-Djar tkun ivverifikat il-ġenwinita' tal-każ.

Flimkien ma' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* dawk il-kundizzjonijiet indikati fl-annessa ċedola markata 'A' u dan sabiex jiġu regolati r-relazzjonijiet bejn l-Awtorità tad-Djar, il-Bank u l-applikanti. L-Awtorità tad-Djar tirriserva d-dritt li timponi kundizzjonijiet oħra sabiex tħares l-interessi tagħha.

(i) in the case where the wages/salaries of the applicants are deposited by direct credit to their bank accounts, the Housing Authority does not include with the amount of assets of the applicants, the last salary of the calendar year.

(j) from the gross annual income of a separated or de facto separated applicant, any amount paid to the other part as alimony will be deducted.

(k) Persons with disability are those persons who are in possession of the Special Identity Card issued by the National Commission Persons with Disability

7. Validity of the Application

To be valid the application must satisfy the following requirements:-

(a) the application must be made on the prescribed form and must be duly and completely filled;

(b) the application must be signed by all applicants;

(c) the application must be presented personally by the applicant, together with all necessary documents;

(d) the application made by a married but separated person or made by a person whose civil status has been changed after the marriage must be accompanied by an authenticated deed of separation or by a Decree of the Competent Court;

Applications containing false or incorrect information may be disqualified at the sole and final discretion of the Housing Authority and this at any time even after benefiting under this advert. This will come in force after the assessments made by the said Authority to ascertain the genuineness of the case.

Together with these regulations there will also apply the conditions indicated in the schedule annexed and marked A, *mutatis mutandis*, and this so that the relations between the Housing Authority, the Bank and the applicants will be regulated. The Housing Authority reserves the right to impose other conditions to safeguard its interests.

New draft – 8-2-2007

Illum

Quddiemi Nutar Dottor
qegħdin jidhru personalment:

Mill-ewwel parti:

li qed jidher fuq dana l-att in rappreżentanza ta' l-Awtorità tad-Djar debitament awtorizzat, f'dan l-att imsejjaħ 'l-Awtorità'.

Mit-tieni parti:

flimkien u in solidum bejniethom, f'dan l-att flimkien imsejġin 'id-debituri' u 'il-kumpraturi' skond il-każ.

Mit-tielet parti

aktar 'l isfel flimkien u in solidum bejniethom imsejħin 'il-vendituri'.

Mir-raba' parti :

Kif debitament awtorizzat, f'dan l-att imsejjaħ 'il-Bank'.

Minni Nutar identifikati permezz tad-dokumenti uffiċjali fuq indikati.

Fl-ewwel parti ta' dana l-att, il-Bank qiegħed jagħti b'titolu ta' self lid-debituri li flimkien u in solidum bejniethom qed jaċċettaw s-somma ta'

aktar 'l isfel imsejħa 'is-somma mislufa', u dana biex l-istess debituri ikunu jistgħu jixtru s-sehem indiviż ta' l-appartament deskritt fit-tieni parti ta' dana l-att u liema somma mislufa d-debituri qegħdin jiddelegaw lill-Bank, li jaċċetta, li jħallasha lill-imsemmija vendituri fit-tieni parti ta'dana l-att, u dana a saldu tal-prezz totali ta' dan is-sehem.

Bħala garanzija ta' l-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' dan l-att u partikularment tal-pagament lura tas-somma mislufa lid-debituri u ta' l-interessi li jkunu jiddekorru fuqha, kif ukoll ta' spejjeż oħra li jkunu magħmula mill-Bank, id-debituri flimkien u *in solidum* bejniethom qegħdin jagħtu lill-istess Bank li jaċċetta Ipoteka Ġenerali fuq il-beni kollha tagħhom in ġenerali preżenti u futuri, u Ipoteka Speċjali u Privileġġ Speċjali fuq is-sehem indiviż ta' l-immobbli mixtri mid-debituri u deskritt fit-tieni parti ta' dana l-att u dan minbarra xi garanziji oħra li jistgħu jiftehmu l-partijiet minn żmien għal żmien.

Barra dan id-debituri jobbligaw ruħhom li jagħtu lill-Bank garanzija addizzjonali għal kwalunkwe ammont li dakinhar ikun għadu dovut lill-Bank, permezz ta' Ipoteka Speċjali, u Privileġġ Speċjali jekk ikun applikabbli, fuq kwalunkwe sehem indiviż ieħor ta' l-immobbli deskritt fit-tieni parti ta' dana l-att li d-debituri jistgħu jakkwistaw fil-futur. L-Awtorità tista' tobbliga lid-debituri sabiex jirreġistraw favur il-Bank l-imsemmija Ipoteka u Privileġġ, jekk ikun applikabbli.

Il-Bank hu obbligat li jgħarraf lill-Awtorità tad-Djar permezz ta' ittra uffiċjali hekk kif id-debituri jonqsu milli jħallsu puntwalment tliet pagamenti jew l-ekwivalenti tagħhom anke jekk mhux konsekuttivi.

Il-Bank u d-debituri qegħdin jiftehmu illi dan is-self u s-sigurtà għall-istess self, inkluż il-garanzija fuq miftehma, għandhom jiġu regolati b'dawk il-kondizzjonijiet, inkluż tal-ħlas lura, kif ġia notifikati jew li jiġu notifikati bil-miktub minn żmien għal żmien mill-Bank u aċċettati mid-debituri, b'dana illi l-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija għandhom jitqiesu bħala l-kundizzjonijiet prevalenti u ċioè:-

Il-partijiet jiftehmu illi fuq is-self jiddekorri mgħax bir-rata kif stipulata fis-*sanction letter*. Dan l-imgħax ikun ikkalkolat fuq l-ammont dovut minn żmien għal żmien fuq il-bilanċ tas-self, skond il-prattika bankarja.

Sakemm ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, is-self irid jitħallas lura fi żmien ta' perjodu ta' -il sena jew kwalunkwe estensjoni tal-perjodu.

Il-Bank u l-Klijenti jiftehmu illi f'każ illi sseħħ xi waħda mill-kundizzjonijiet imniżżla allura, u fi kwalunkwe ħin wara, il-Bank jista', b'avviż lill-Klijenti, jiddikjara li s-self huwa dovut u pagabbli minnufih, u f'dan il-każ is-Self isir dovut u pagabbli flimkien ma' l-imgħax dovut u kwalunkwe ammont ieħor pagabbli skond dan il-kuntratt.

Fil-każ li l-Klijenti ma jagħmlux il-pagamenti kif miftiehem jew jekk ikun hemm xi nuqqas min-naħa tal-Klijenti, il-Bank jista', b'avviż bil-miktub lill-Klijenti, jiddebita xi kont jew kontijiet li l-Klijenti għandhom mal-Bank, b'xi wħud mill-pagamenti jew bil-pagamenti kollha, imgħax u spejjeż.

Minkejja kull klawsola oħra f'dan il-kuntratt ta' self, f'dak li jirrigwarda spejjeż pagabbli mid-debituri, jekk id-debituri, ma jagħmlux il-pagamenti kif miftiehem, jekk ikun hemm xi nuqqas min-naħa tal-Klijenti jew jekk il-Klijenti b'xi mod ieħor ma jonorawx jew jiksru l-kundizzjonijiet ta' l-ittra sanzjonarja jew/u tal-kuntratt tas-self, il-Bank jirriserva d-dritt li jżid ir-rata ta' l-imgħax fuq l-ammont totali tas-self b'massimu ta' tlieta fil-mija (3%) fis-sena mingħajr ma jagħti avviż ieħor.

Il-Klijenti jistgħu f'kull ħin iħallsu s-self kollu u l-imgħax dovut sad-data tal-ħlas. Fil-każ li l-Klijenti jitolbu li jagħmlu dan, il-Bank jikkalkula l-ammont eżatt li hu dovut mill-Klijenti fid-data tat-talba. Skond meta jsir il-ħlas qabel iż-żmien stabbilit, l-ammont eżatt li l-Klijenti għandhom iħallsu jista' jkun inqas mill-ammont totali li jkun pagabbli lill-Bank kieku l-Klijenti ma ħallsux qabel iż-żmien stabbilit fil-ftehim.

Madanakollu, fil-każ ta' ħlas qabel iż-żmien stabbilit, ma tingħatax rifużjoni ta' spejjeż diġa' mħallsa bħal spejjeż ta' pproċessar u spejjeż legali. Barraminhekk, il-Bank jirriserva d-dritt li jimponi *fee* għall-ħlas qabel iż-żmien stabbilit. Din il-*fee* tkopri l-ispejjeż tal-Bank relatati mal-ftehim li l-Bank jagħmel somma ta' flus disponibbli għall-Klijenti għal perjodu twil. Din il-*fee* tiġi imposta meta s-self jitħallas kollu jew meta jitħalla fil-kont bilanċ ta' mhux iżjed minn għaxra fil-mija (10%) ta' l-ammont ta' self oriġinali, fl-ewwel tlett (3) snin tas-self. Il-*fee* ta' tlieta fil-mija (3%) tiġi imposta fuq il-bilanċ li kien ikun dovut lill-Bank kieku l-Klijenti ħallsu skond il-ftehim, fid-data ta' meta jsir il-ħlas kollu tas-self jew fid-data meta jitħalla fil-kont il-bilanċ imsemmi qabel. Dan ifisser li kull pagament li seta' sar qabel iż-żmien jerġa' jingħadd lura meta tiġi kkalkulata din il-*fee*.

It-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-self (inklużi l-perjodu għall-ħlas, ir-rata ta' l-imgħax, ħlasijiet u drittijiet) jistgħu jiġu imposti jew mibdula mill-Bank minn żmien għal żmien:

a) jekk jinbidlu l-kundizzjonijiet tas-suq jew tinbidel l-prattika bankarja;

b) jekk jinbidlu l-ispejjeż tal-Bank of Valletta plc;

c) jekk il-Klijenti jiksru dan il-ftehim jew jekk ikun hemm nuqqas ieħor min-naħa tal-Klijenti;

d) jekk tinbidel il-liġi u/jew ikun hemm deċiżjoni jew rakkomandazzjoni ta' xi qorti, regolatur jew entità simili;

e) jekk jiġu introdotti prodotti, sistemi, metodi ta' operazzjoni, teknoloġija, *channels* għal twassil alternattiv, servizzi jew faċilitajiet, ġodda jew imtejba;

f) jekk il-Bank jingħaqad ma' bank ieħor jew jekk jakkwista n-negozju ta' bank jew organizzazzjoni oħra li toffri servizzi simili;

g) jekk jokkorri xi każ ieħor jew xi ċirkostanza oħra li għandha mnejn raġjonevolment taffettwa l-kapaċità tal-Klijenti li jesegwixxu l-obbligi tagħhom taħt dan il-kuntratt.

Qabel ma jagħmel xi tibdil, il-Bank jagħti lill-Klijenti avviż raġonevoli.

Il-Bank u l-Klijenti jiftehmu illi jekk:

(a) il-Klijenti jonqsu milli jħallsu kwalunkwe somma kemm ta' kapital kif ukoll ta' imgħax, drittijiet jew spejjeż, dovuti minnhom skond dan il-kuntratt fil-ħin u bil-mod indikat f'dan il-kuntratt; jew

(b) il- Klijenti jiksru jew jonqsu milli josservaw l-obbligi u l-wegħdiet espressi bħala assunti minnhom f'dan il-kuntratt; jew

(ċ) kwalunkwe rappreżentazzjoni jew garanzija magħmula jew meħuda bħala magħmula, jew ripetuta minn jew in konnessjoni mal-Klijenti, hija jew tinstab li kienet inkorretta b'mod sostanzjali; jew

(d) kwalunkwe dejn tal-Klijenti mhuwiex imħallas meta dovut jew isir dovut u pagabbli, jew xi kreditur tal-Klijenti ikun intitolat jiddikjara l-istess dejn dovut u pagabbli qabel l-iskadenza tiegħu jew xi garanzija jew indennizz tal-Klijenti in konnessjoni ma' kwalunkwe dejn mhijiex onorata meta dovuta u mitluba; jew

(e) kwalunkwe kunsens, awtorizzazzjoni, liċenzi jew approvazzjoni ta', jew reġistrazzjoni ma', jew dikjarazzjoni favur, entitajiet jew awtoritajiet pubbliċi jew tal-gvern, jew qrati, rikjesti mill-Klijenti in konnessjoni ma', jew bħala riżultat ta' l-esekuzzjoni, konsenja, validità, infurzar jew ammissibilità bħala evidenza ta' dan il-kuntratt jew it-twettiq tal-Klijenti ta' l-obbligi tagħhom skond dan il-kuntratt jiġi mibdul, jew mhuwiex mogħti, jew huwa revokat jew terminat jew jiskadi u mhuwiex renovat jew inkella jispiċċalu l-forza u effett; jew

(f) kreditur jeżercita dritt fuq jew jieħu pussess ta', permezz ta' esekuzzjoni, sekwestru jew xi proċess ieħor huwa enforzat jew maħruġ kontra xi impriżi, assi, drittijiet jew dħul tal-Klijenti, u mhuwiex revokat fi żmien sebat (7) ijiem; jew

(g) il-Klijenti jissospendu pagament tad-djun tagħhom, jew ma jistawx, jew jammettu li ma jistawx iħallsu d-djun meta jsiru dovuti, jew jibdew negozjati ma wieħed jew iżjed mill-krediturі tagħhom bl-iskop ta' reaġġustament ġenerali jew riskjedament tad-dejn tagħhom kollu jew parti minnu, jew jipproponu, jew jidħlu f'xi komposizzjoni jew arranġament ieħor għall-benefiċċju tal-krediturі in ġenerali jew ta' xi klassi minnhom, jew proċedimenti jibdew in konnessjoni mal-Klijenti taħt xi liġi, regolament jew proċedura għal rikostruzzjoni tad-djun; jew

(h) il-Klijenti jieħdu azzjoni, jew proċeduri legali jibdew, jew xi passi oħra jittieħdu sabiex:

(i) il-Klijenti jiġu aġġudikati jew misjuba falluti jew insolventi; jew
(ii) il-Klijenti jiġu stralċjati jew xolti; jew
(iii) jiġi appuntat likwidatur, kuratur, amministratur jew uffiċjal simili tal-Klijenti jew

(i) il-Klijenti jissospendu jew iwaqqfu jew jheddu li jissospendu jew iwaqqfu n-negozju tagħhom; jew

(j) it-total jew parti sostanzjali mill-impriżi, assi, drittijiet jew dħul tal, jew ishma, jew interessi ta' proprjetà, tal-Klijenti jiġu maqbuda, nazzjonalizzati, esproprjati jew akkwistati bilfors minn jew taħt l-Awtorità ta' xi gvern; jew

(k) it-twettiq ta' l-obbligi jew ta' kwalunkwe obbligu tal-Klijenti taħt dan il-kuntratt isir illegali f'xi ħin; jew

(l) il-Klijenti jħassru jew jattakkaw jew jagħmlu, jew iġiegħlu, jew jippermettu li jsir xi att jew ħaġa li turi l-intenzjoni li jħassru jew jattakkaw dan il-kuntratt; jew

(m) jokkorri fl-opinjoni tal-Bank, xi tibdil sostanzjali fil-kundizzjoniji finanzjarja tal- Klijenti; jew

(n) jokkorri xi każ ieħor jew xi ċirkostanzi oħra li, fl-opinjoni tal-Bank, għandha mnejn taffettwa sostanzjalment u negattivament il-kapacità tal-Klijenti li jesegwixxu l-obbligi jew wieħed mill-obbligi tagħhom, jew b'xi mod ieħor jonoraw t-termini ta' dan il-kuntratt,

allura, u fi kwalunkwe ħin wara, il-Bank jista' b'avviż lill-Klijenti, jiddikjara illi s-self huwa dovut u pagabbli minnufih, u f'dan il-każ is-self isir dovut u pagabbli

flimkien ma' l-imgħax dovut u kwalunkwe ammont ieħor pagabbli skond dan il-kuntratt.

Inoltre, il-Klijenti u l-Bank jaqblu illi:

(1) L-ispejjeż u d-drittijiet kollha in konnessjoni ma' dan il-kuntratt inklużi però mhux limitat għall-ispejjeż legali u ħlasijiet amministrattivi kollha, kif ukoll ta' kwalunkwe ħlasijiet magħmula għall-aġġornamenti minn żmien għal żmien tar-riċerki tad-debituri taxxa fuq dokumenti u trasferimenti u taxxi simili; u ħlasijiet ta' reġistrazzjoni, u drittijiet oħra dovuti lin-Nutar sottofirmat, għandhom jitħallsu mid-debituri u l-Bank huwa minn issa awtorizzat li jiddebita l-kont u/jew il-kontijiet li d-debituri għandhom u/jew ikollhom mal-Bank, b'kull tali spejjeż u drittijiet. Il-Bank ma jkunx marbut sabiex jivverifika jekk tali talba f'dan ir-rigward minn Nutar sottofirmat hijiex ġustifikata.

(2) Il-Klijenti jawtorizzaw lill-Bank sabiex jirritjeni fil-pussess tiegħu r-riċerki tat-trasferimenti u tad-debiti ta' l-istess Klijenti sakemm is-self jitħallas lura għas-saldu ta' l-istess Klijenti.

(3) Iżjed minn hekk, il-Klijenti jobbligaw ruħhom li fuq talba tal-Bank jagħmlu polza ta' assigurazzjoni fuq il-proprjetà sħiħa (u mhux biss dak is-sehem mixtri minnhom), kontra kull riskju normali ma' kumpanija ta' assigurazzjoni ta' reputazzjoni tajba u jħallsu puntwalment il-*premiums* tagħha, u li l-interessi tal-Bank u ta' l-Awtorità , bħala proprjetarja ta' sehem indiviż ta' l-istess proprjetà, jiġu indikati fuq il-polza ta' assigurazzjoni relattiva. Barra minn hekk, il-Klijenti jawtorizzaw lill-Bank sabiex jagħmel kull polza ta' assigurazzjoni f'dan ir-rigward fuq il-proprjetà tagħhom, kif jidhirlu l-Bank li hemm bżonn, u dan a spejjeż ta' l-istess Klijenti. F'każ li d-debituri jonqsu milli jħallsu l-*premiums* dovuti minnhom minn żmien għal żmien, l-Awtorità tad-Djar ikollha dritt tħallas hi l-*premiums* li ma jkunux tħallsu u tesiġi l-ħlas mingħand id-debituri.

Fejn kemm il-Bank kif ukoll l-Awtorità jkun għad għandhom interess fil-polza msemmija, allura f'każ li sseħħ xi eventwalità li għaliha d-debituri jkunu koperti bil-polza, jekk tali eventwalita tkun waħda li ma taffettwax il-ħlas tas-self jew il-garanziji mogħtija lil Bank allura kull ammont maħruġ skond il-polza għandu jmur għall-irranġar tad-dar, iżda f'każ li sseħħ eventwalità li sostanzjalment tnaqqas il-valur tad-dar b'mod li tiġi preġudikata l-garanzija mogħtija bl-ipoteka lill-Bank allura mis-somma mogħtija mill-assikurazzjoni l-ewwel għandu jiġi mħallas il-bilanċ tas-self mogħti lil Bank u sussegwentement għandha tiġi sodisfatta l-Awtorità billi titħallas il-valur tas-sehem li jkun għadu proprjetà tagħha.

(4) Il-Klijenti jobbligaw ruħhom li jagħtu a favur tal-Bank, kull dettall u informazzjoni meħtieġa, rilevanti għall-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, kif mitluba mill-Bank, minn żmien għal żmien, u li jagħtu lill-Bank kull opportunità li jivverifika l-istess.

(5) Il-Klijenti b'mod solidali bejniethom, jobbligaw ruħhom a favur tal-Bank, li jaċċetta:-

a) illi salv il-garanziji mogħtija lill-Awtorità tad-Djar għas-somma maħruġa minnha ma jagħtux iżjed garanziji ipotekarji fuq il-proprjetà hawn taħt deskritta, anke jekk dawn il-garanziji ipotekarji ikunu wara dawk reġistrati a favur tal-Bank, mingħajr il-kunsens anteċedenti u bil-miktub tal-Bank; u

b) illi ma jikrux, ma jissullokawx, ma jitilqux u ma jħallux terzi persuni jużaw l-istess proprjetà taħt l-ebda titolu, u dan mingħajr il-kunsens anteċedenti u bil-miktub tal-Bank u tal-Awtorità.

(6) Jiena Nutar sottofirmat, wara li għamilt il-verifiki opportuni mar-Reġistru ta' l-Artijiet, niddikjara illi l-proprjetà trasferita bis-saħħa ta' dan il-kuntratt

f'area ta' reġistrazzjoni.

Inoltre l-Klijenti u l-Bank jaqblu illi l-Bank ikun intitolat illi jagħmel jew isegwi kwalsijasi applikazzjoni fir-Reġistru ta' l-Artijiet għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà trasferita fit-tieni parti ta' dan l-istess kuntratt f'każ illi l-istess proprjetà taqa' f'area ta' reġistrazzjoni u dan a spejjeż tal-Klijenti.

(7) Il-partijiet jaqblu u jiftiehmu illi l-obbligi, id-drittijiet u l-kundizzjonijiet kollha tas-self u l-kuntratt relattiv għandhom jiġu regolati u interpretati esklussivament skond il-liġijiet tar-Repubblika ta' Malta u li l-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni mhux esklussiva fir-rigward ta' dan is-self u l-kuntratt relattiv.

(8) Il-Klijenti jaqblu li l-Bank ottjena parir legali dwar it-titolu tal-propjetà li qed tiġi ipotekata favur il-Bank fuq dan l-istess kuntratt, u dan sabiex jirregola ruħu dwar ir-riskju fuq is-self mogħti lill-Klijenti. Il-Klijenti jiddikjaraw illi huma mhux qed jistrieħu fuq id-deċiżjoni tal-Bank li jissomministra s-self bħala prova li t-titolu tal-propjetà huwa wieħed tajjeb.

(9) Il-klijenti jagħtu l-kunsens tagħhom u jawtorizzaw: (i) lill-Bank li jagħti lill-Awtorità l-informazzjoni neċessarja mitluba minnha rigward dan is-self, u b'mod partikolari dwar jekk il-klijenti humiex qed jottemperaw ruħhom ma' l-obbligi tagħhom rigward is-self; (ii) lill-Awtorità li tagħti lill-Bank l-informazzjoni neċessarja mitluba mill-Bank rigward dan il-kuntratt u din il-propjetà u b'mod partikolari dwar jekk il-klijenti humiex qed jottemperaw ruħhom ma' l-obbligi tagħhom rigward dan il-kuntratt.

(10) F'każ li l-Bank ikun irid jibda proċeduri kontra d-debituri għall-ħlas tal-bilanċ dovut lilu, allura qabel ma jibda dawn il-proċeduri, il-Bank għandu jgħarraf bil-miktub lill-Awtorità tad-Djar li jkollha l-jedd fid-diskrezzjoni assoluta tagħha li tħallas tali bilanċ hi f'liema każ għandha tiġi surrogata fid-drittijiet tal-Bank. F' każ li l-Bank sabiex jitħallas l-bilanċ dovut lilu, ikun xtara 'animo compensandi' is-sehem tad-debituri permezz tas-subbasta allura l-Awtorità jkollha l-jedd li tixtri

hi s-sehem mingħand il-Bank billi tħallas il-bilanċ li kien dovut lill-Bank, l-interessi u l-ispejjeż legali inkorsi mill-Bank.

Permezz tat-tieni parti ta' dana l-att, il-vendituri qegħdin ibiegħu fis-sehem ta' indiviż lill-Awtorità u fis-sehem ta' indiviż lill-kumpraturi,

u dana kif murija fuq l-annessi pjanti markati Dokumenti ittri

Dan il-bejgħ qiegħed isir u jiġi aċċettat bil-pattijiet u kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-prezz tas-sehem ta' indiviż ta' l-imsemmi immobbli huwa ta' liema prezz qiegħed jitħallas preżenzjalment mill-Awtorità lill-vendituri u għal liema somma l-vendituri qegħdin iħallu d-debita riċevuta.

Il-prezz tas-sehem ta' indiviż ta' l-imsemmi immobbli huwa ta' mil-liema prezz il-kumpraturi qegħdin iħallsu lill-vendituri s-somma ta' u l-Bank kif delegat mill-kumpraturi fl-ewwel parti ta' dana l-att qiegħed preżenzjalment iħallas lill-vendituri li jaċċettaw, is-somma ta'

a saldu tal-prezz tas-sehem indiviż ta' l-appartament u għalhekk il-vendituri qegħdin iħallu d-debita riċevuta.

Inoltre, dan il-bejgħ qed isir bil-kundizzjonijiet segwenti:

1. Il-kumpraturi qegħdin jingħataw id-dritt illi fil-futur jixtru mingħand l-Awtorità s-sehem indiviż ta' l-immobbli hawn fuq deskritt akkwistat mill-Awtorità, u dana kif ġej:

- jekk ix-xiri/bejgħ tal-kumplament tal-fond hawn fuq deskritt isir sa żmien għaxar (10) snin mid-data ta' dana l-att, il-prezz tas-sehem rimanenti jkun skond il-valur ta' l-immobbli sħiħ kif imsemmi aktar qabel f'dana l-att

- jekk ix-xiri/bejgħ tal-kumplament tal-fond hawn fuq deskritt isir wara l-iskadenza ta' għaxar (10) snin mid-data ta' dana l-att, il-prezz tas-sehem ikun skond il-valur ta' l-immobbli kif imsemmi aktar qabel f'dana l-att għal tali sehem rimanenti liema prezz għandu jiġi miżjud ratealment skond ir-rata ta' l-inflazzjoni dekorribbli millum sa meta jkun ser isir il-kuntratt ta' bejgħ tal-kumplament tal-fond. Kemm-il darba l-kumpraturi ma jixtrux ir-rimanenti sehem indiviż ta' l-immobbli mingħand l-Awtorità sa żmien għaxar snin millum, wara l-iskadenza ta' l-għaxar sena, il-kumpraturi għandhom jibdew iħallsu lill-Awtorità somma

annwali u/jew mensili li tiġi ffissata mill-Awtorità tad-Djar fid-diskrezzjoni assoluta tagħha u dana bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond sħiħ tenut kont li l-Awtorità hija proprjetarja ta' sehem indiviż.

2. Fil-każ li l-kumpraturi qabel ma jakkwistaw l-ishma kollha fil-proprjetà li sehem minnha qed jiġi trasferit fuq dan l-att lill-Awtorità, jakkwistaw b'titolu ta' ċens temporanju jew perpetwu jew b'titolu ta' xiri proprjetà immobiljari oħra waħedhom jew flimkien ma' oħrajn kemm bi trasferiment inter vivos jew causa mortis, l-Awtorità tkun tista' fid-diskrezzjoni assoluta tagħha tesiġi li l-kumpraturi jixtru l-kumplament ta' l-ishma fil-propjetà hawn trasferita. Jekk il-kumpraturi ma jaċċettawx u ma jagħmlux dan fi żmien xahar minn meta jiġu interpellati, allura l-Awtorità jkollha jedd li tħallas lill-kumpraturi l-prezz minnhom imħallas mingħajr interessi u tieħu lura kull sehem li jkun ġie trasferit lilhom; f' dan il-każ mill-prezz indikat għal kull sena li tgħaddi jew parti minnha millum sad-data tat-trasferiment għandu jitnaqqas l-ammont ta' mitejn liri Maltin (Lm200) u dan bħala kumpens għall-okkupazzjoni. F' dan il-każ il-kumpraturi ma jkollhom ebda dritt għal benefikati, spejjeż jew ħlasijiet oħra li huma jkunu setgħu għamlu u jkunu obbligati jivvakaw id-dar u jgħaddu lura l-pussess vakanti tal-fond lill-Awtorità mal-ħlas tas-somma fuq indikata. Fin-nuqqas huma ikunu obbligati jħallsu d-danni sofferti mill-Awtorità.

3. Il-kumpraturi qed jobbligaw ruħhom a favur ta' l-Awtorità li taċċetta li sakemm ma jkunux xtraw is-sehem indiviż tal-fond hawn trasferit lill-Awtorita :

a. huma ma jagħtux iżjed garanziji ipotekarji fuq il-propjetà fuq imsemmija, anke jekk dawn il-garanziji ipotekarji, ikunu wara dawk reġistrati a favur ta' l-Awtorità u

b. huma ma jikrux, bi kwalunkwe mod, u ma jħallux terzi persuni, jużaw l-istess proprjetà, taħt l-ebda titolu, anke b'mera tolleranza jew b'titolu gratuwitu

u dana mingħajr il-kunsens tal-Bank u tal-Awtorità bil-miktub.

4. F'każ illi l-kumpraturi jkunu jridu jbiegħu lill-terzi l-fond minnhom akkwistat u dana qabel ma jkunu xtraw is-sehem indiviż ta' l-Awtorità mill-istess fond, huma għandhom jinfurmaw lill-Awtorità u lill-Bank b'dan qabel il-konvenju u f'kull każ mill-anqas xahrejn qabel id-data ta' l-att ta' trasferiment. Il-kumpraturi ma jistgħux ibiegħu sehemhom jekk l-istess bejgħ ma jkunx jinkludi wkoll il-bejgħ tas-sehem appartenenti lill-Awtorità. Sabiex isir tali bejgħ il-kumpraturi jkunu jinħtieġu l-permess bil-miktub ta' l-Awtorità. Fuq l-att ta' trasferiment, l-Awtorità jkollha dritt għall-proporzjon tal-prezz tal-bejgħ skond il-proporzjon li l-Awtorità tad-Djar tkun xtrat mill-imsemmi fond u dan kollu għandu jiġi vverifikat minn perit ta' l-Awtorità tad-Djar. Hija fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità illi taqbel mal-prezz tal-bejgħ lil terzi qabel ma jsir tali bejgħ, jiġifieri l-prezz tal-bejgħ lil terzi jrid jiġi maqbul bejn l-Awtorità tad-Djar u l-kumpraturi odjerni.

F'każ illi l-fond ma jkunx inxtara fi stat lest/'finished' u l-kumpraturi jkunu lestew il-fond a spejjeż tagħhom, mill-prezz tal-bejgħ, il-kumpraturi għandhom jitħallsu tax-xogħlijiet/*improvements* kollha illi jkunu għamlu, madanakollu dawn ix-xogħlijiet/*improvements* għandhom jiġu kkalkulati minn Perit imqabbad mill-Awtorità wara li dan jikkonsulta mal-irċevuti ta' l-imsemmija miljoramenti.

5. Il-kumpraturi odjerni u l-Awtorità qegħdin jiftehmu illi sakemm il-kumpraturi ma jkunux xtraw is-sehem indiviż ta' l-Awtorità huma ma jkunux jistgħu jikru l-fond lil terzi jew bi kwalsijasi mod jittrasferixxu l-fond jew jgħaddu l-pussess tiegħu lil terzi. Lanqas ma jkunu jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom biex xi terzi jabitaw f'dan il-post anke b'mera tolleranza jew b'titolu gratuwitu, iżda għandhom jużaw dan il-post biss bħala residenza ordinarja tagħhom. Il-kumpraturi odjerni huma marbuta li matul l-istess żmien għandhom iżommu r-residenza tagħhom fi stat tajjeb ta' tiswija u jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa tal-fond sħiħ a spejjeż tagħhom. Il-kumpraturi huma obbligati li jgħixu fil-fond bħala residenza ordinarja tagħhhom għal mill-anqas għaxar snin mil-lum.

6. Illi kull riskju fuq dan il-fond sħiħ qed jgħaddi mil-lum stess għal fuq il-kumpraturi. Kull obbligu li jispetta lis-sidien ta' l-immobbli anke jekk vis-a-vis terzi jkun a kariku tal-kompraturi waħedhom. Il-kumpraturi waħedhom huma obbligati jħallsu s-servizzi kollha fid-dar inkluż dawl, ilma u *cable*.

7. Il-kumpraturi għandhom jagħmlu *Home Insurance* u jindikaw l-interess ta' l-Awtorità fuq il-polza. Huma ma jistgħux jipotekaw l-immobbli hawn fuq deskritt biex jieħdu xi self ieħor minn xi Bank jew terzi persuni oħra.

8. Illi l-kumpraturi qegħdin jintrabtu illi millum 'il quddiem jagħmlu a spejjeż tagħhom kull xogħol ta' manutenzjoni li jkun jinħtieġ fl-imsemmi fond kemm ta' natura ordinarja kif ukoll ta' natura straordinarja.

9. Il-fond akkwistat mill-kumpraturi għandu sa żmien għaxar snin mil-lum jintuża biss għal skop ta' residenza ordinarja tal-kumpraturi jew aventi kawża tagħhom u għal ebda skop ieħor. Jekk il-kumpraturi jakkwistaw ukoll garaxx, il-garaxx għandu jintuża biss sabiex fih il-kumpraturi jew l-aventi kawża tagħhom jiggaraxxjaw vettura personali jew jimmagazzina effetti personali.

F'każ ta' fond ġebel u saqaf, il-kumpraturi jobbligaw ruħhom li jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji sabiex jevitaw ħsarat fil-fondi sottoposti u/jew sovraposti fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-att ta' l-akkwist.

10. Il-kumpraturi huma obbligati li:

(i) jokkupaw il-fond bħala residenza ordinarja fi żmien sitt xhur mil-lum f'każ ta' fond *finished* u fi żmien sentejn millum f'każ ta' fond *shell form* u fil-każ ta' għarajjes. Inoltre, il-kumpraturi jobbligaw ruħhom li jibqgħu jgħixu fil-fond għal mill-anqas għaxar snin millum, u fl-istess żmien ma jistgħux jiddisponu mill-fond inter vivos, kemm b'titolu reali u kif ukoll b'titolu personali u ma jistgħux jgħaddu l-pussess tiegħu lil terzi. Il-kumpraturi qed jobbligaw ruħhom illi ma

jikrux il-fond jew iħallu terzi persuni jokkupaw il-fond taħt kwalunkwe titolu, anke gratuwiti jew b'mera tolleranza.

11. Il-kumpraturi jiddikjaraw illi l-informazzjoni li huma taw fl-applikazzjoni tagħhom ma' l-Awtorità hi korretta u vera.

12. Bħala garanzija ta' l-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha ta' dana l-att, il-kumpraturi flimkien u in solidum bejniethom qegħdin jipotekaw a favur l-Awtorità li taċċetta l-beni kollha tagħhom in ġenerali preżenti u futuri oltre Ipoteka Speċjali fuq is-sehem tal-fond akkwistat mill-kumpraturi b'dana l-att trasferit u għal fini ta' l-iskrizzjoni ta' l-imsemmija Ipoteka qed tiġi ffissata s-somma ta'

L-Awtorità qiegħda tagħti l-kunsens tagħha sabiex l-ipoteka favur l-Awtorità naxxenti minn dana l-att tikkonkorri wara l-ipoteka favur il-Bank naxxenti minn dana l-istess att.

